MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 41/2008

**Talba Nru: 41/08 PBC**

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**-vs-**

**Daniela Vella**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf, hames mija u tnax-il Euro u zewg centezmi (€1,512.02) – (Lm649.11) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta skond *Client Contract Number (1013692)* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn Marzu 2007 u Lulju 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t'Ottubru, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-

imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma t'elf, hames mija u tnax-il Euro u zewg centezmi (€1,512.02) – (Lm649.11), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------